# DAWRA QASIRA MA' GĦAJNSIELEM

*Minn Mons. D. Ġwann Dimech*

*Kappillan Konventwali "Gran Croce" ad honorem S.M.O.M.*

Kont ili s-snin nitfa' ħarsti lejn il-Gżira pittoreska ta' Għawdex, nista' ngħid li kont nagħmel hekk sa minn meta kont żgħir. Dan għaliex fis-sajf, konna ta' spiss nitilgħu bil-karrozza "Overland" li kellu missieri lejn il-bajja tal-Marfa, fil-kwiet u l-hemda, il-bogħod minn dawk il-mijiet ta' nies li jokkupaw il-bajjiet ta' Malta. Kif konna naslu l-Marfa, konna narmaw kamp biex nistkennu mir-raġġi tax-xemx tas-sajf. Hemm waqt li konna nkunu ngħumu konna naraw ir-"Royal Lady" ġej u sejjer lejn il-port ta' l-Imġarr. Qatt ma kelli x-xorti li ngħaddi lejn Għawdex u nara l-gżira. Kellha tkun l-aħħar gwerra dinjija li l-ġenituri tiegħi ħasbu li niġu noqogħdu hawn Għawdex.

Kien fil-bidu tax-xahar ta' Ottubru 1940 meta bdejt il-klassi kwinta tas-Seminarju. Issa billi barra mill-iskola kont qed nitgħallem il-pjanu u l-kant, meta ġejt hawn komplejt nitgħallem il-mużika għand is-surmast Giardini Vella. Dan is-surmast ma damx ma ħariġni nkanta fil-Knejjes mal-kor tiegħu. Qed niftakar x'uħud mill-membri tal-kor: Dun Ġużepp Debrincat, Dun Tarċis Gatt, Dun Ġwann Frendo, Dun Ġużepp Grima, Nazju, Ġużeppi Galea u oħrajn. Barra milli kont inkanta mas-surmast Giardini Vella kont inkanta wkoll mas-surmast Paolo Lanzon.

F'Ottubru tal-1942 bdejt il-kors tal-Filosofija u tal-Letteratura. Fis-seminarju dak iż-żmien kellna numru sewwa ta' Maltin u Għawdxin inħejju ruħna biex insiru Qassisin. Minn fost il-ħbieb li kelli qrib tiegħi kelli erba' studenti Għawdxin: Anton Gauci mir-Rabat, Ġanni Xuereb mix-Xewkija u Karmnu Cassar minn Għajnsielem. Ma' dan ta' l-aħħar kien hemm aktar xi jressaqna lejn xulxin peress li kellu l-istess ateġġjament li kelli jien għall-arti mużikali. Għalhekk spiss id-diskors tagħna waqt il-passiġġata kien jaqa' fuq il-mużika. Issa, fil-bidu sibt li l-organista tas-seminarju kien il-Kjeriku Pantaljun Orland, miż-Żejtun u niftakar li xi membri tal-kor konna: il-Kjeriku Pawlu Attard minn Ħal-Qormi, is-Seminarista Salvu Sammut minn Ħal-Lija, il-Kjeriċi Pawlu Farrugia u Nardu Mallia t-tnejn miż-Żurrieq. L-organista Pantaljun ġie ordnat saċerdot nhar il-5 ta' Awissu 1945 u b'hekk bħala suċċessur laħaq il-Kjeriku Carmelo Cassar bħala l-organista l-ġdid tas-Seminarju. Qed niftakar il-Litaniji tal-Madonna li konna nkantaw kuljum waħda mhux bħal tal-jum ta' qabel fix-xahar kollu ta' Mejju. Ir-Responsorji ta' żmien ir-Randan, l-"Alma Redemptoris Mater" li kont inkanta minn qalbi, l-antifoni tal-Festi Prinċipali tas-Seminarju. Kemm għamilna kunċerti mal-Kjeriku Cassar ta' għoxieren Quddies ġodda! Kemm-il-darba fil-vaganzi sieħbi l-organista kien jistedinni biex immur inkanta fil-Knisja tal-Madonna ta' Loreto ġewwa Għajnsielem peress li fil-vaganzi kien idoqq l-orgni tal-parroċċa tiegħu. Kien proprju dak iż-żmien li bdejt ninteressa ruħi li nkun naf aktar dwar il-Parroċċa ta' Għajnsielem.

Iddeċidejt li niltaqa' aktar ta' spiss ma' sieħbi l-Kjeriku Cassar u flimkien induru dan il-post ta' Għajnsielem li minħabba l-pożizzjoni tiegħu li jiddomina l-port ta' l-Imġarr isaħħrek kif ukoll għal dak kollu li għandu x'joffrilek iġagħlek tixrob mill-ilma bnin li għandu.

Tgħallimt li l-isem Għajnsielem ifisser "Għajn is-Sliem" jew Fawwara tal-Paċi.

Il-Motto hu **"Ob Fontem Prosperitas" "Nistagħna b'Nixxiegħa Ilma"**

Għajnsielem joffri bosta lokalitajiet ta' fdalijiet arkeoloġiċi bħalma huma: Borġ il-Għarib, tal-Qigħan u l-Imrejżbiet.

## L-Għejun ta' Għajnsielem



L-għajn prinċipali li minnha hu meħud l-isem ta' Għajnsielem hi dik li għandha l-bidu tagħha fil-ħalq ta' Wied Simirat; il-wied li llum jispiċċa fi Pjazza Apparizzjoni fiċ-ċentru tal-lokal. Jingħad li fl-1710 din il-għajn kienet magħquda taħt tliet arkati li ġew imneħħija fil-bidu tas-seklu għoxrin. Fil-qrib kien hemm bosta nixxigħat li, jingħad li l-aktar magħrufa kienu dawk ta' Għajn Rajjes u Għajn il-Liebru. Qrib taż-Żewwieqa kien hemm in-nixxigħa magħrufa bħala l-Għajn Għonq. In-naħa tax-Xatt l-Aħmar insibu n-nixxigħa magħrufa bħala Għajn Klin.

## Il-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes u l-Grotta

Kif tidħol il-port ta' l-Imġarr tolqtok il-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes aktar u aktar jekk dak il-ħin tisma' il-qniepen

idoqqu l-Innu populari tal-Madonna!



Din il-Knisja mibnija fuq stil Gotiku u ddisinjata mill-perit Emmanuel Galizia ġiet mibnija mill-imgħallem Wiġi Vella miż-Żebbuġ.

L-ewwel ġebla tqiegħdet fl-10 ta' Ġunju 1888 u ġiet miftuħa u mbierka fis-27 ta'Awissu 1893 u ikkonsagrata fis-17 ta' Frar 1949.

Taħt din il-Knisja hemm Grotta li fiha naraw statwa tal-Madonna ta' Lourdes li ġiet skolpita minn Antonio Busuttil li tqiegħdet fil-grotta nhar il-25 ta' Marzu 1879 u li ġiet imbierka mill-Isqof Mons. Pietru Pace nhar is-27 ta' Awissu 1893. (Ara "GEMS OF Gozo" ta' Mons. Joseph Bezzina p. 43)

## "Lourdes Home"

Din id-dar li naraw dritt wara l-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes li tiddomina wkoll fuq il-port ta' l-Imġarr. Nafu li l-awtorità tal-Knisja akkwistat l-art nhar it-3 ta' April 1946. Il-perit Arturo Bondi għamel il-pjanti ta' din id-dar. Kien il-Ħadd, 25 ta' Awissu 1946 meta tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' din id-dar li kellha tkompli il-ħidma li kienet bdiet Ġużeppa Debono fir-Rabat snin qabel. Il-ftuħ uffiċċjali ta' din id-dar sar mill-Isqof Mons. Ġużeppi Pace nhar l-24 ta' Awissu 1947.

## It-Torri li jħares il-Port

Fuq il-Port ta' l-Imġarr kien hemm torri li ma għadux hemm. Dan it-torri kien mibni fis-sena 1605 bil-flus tal-Gran Mastru Martin Garzes. Dan it-torri kellu sitt kanuni. Kien l-Gvernatur Le Merchant li fis-sena 1860 żarma dan it-torri.

## L-Għajn tal-Bhejjem

Aħna u telgħin mill-Imġarr naraw Fontana artistika li kienet mibnija fl-1862 mill-Gvernatur Le Merchant biex minnha jixorbu l-bhejjem. [1]



## Il-Fortizza ta' Chambray

La qiegħdin fuq din ix-xaqliba ta' Għajnsielem ngħidu xi ħaġa dwar il-Fortizza ta' Chambray. Din il-Fortizza ma nbnietx qabel Settembru tal-1749 bi flus tal-Bali' de Chambray. Skond il-pjanta ta' de Palmeus li ħażżeż fl-1754, il-fortizza ta' Chambray kellha tkun belt iffortifikata. [2]



## It-Torri u l-Kappella ta' Santa Ċeċilja

Issa li qiegħdin fuq din in-naħa naraw it-torri ta' Santa Ċeċilja. Dan it-torri ġie mibni fl-1613 minn Bernardo Macedonia kif tixhed l-arma li hemm fuq wieħed mill-bibien.

Wara dan it-torri hemm il-Kappella ddedikata lil Santa Ċeċilja. Din il-kappella tissemma għall-ewwel darba fl-1615. Kienet ġiet restawrata fl-1630 u baqgħet tiffunzjona sas-sena 1644. Iżda wara ġiet abbandunata. [3]

## L-Istitut ta' San Ġużepp

Bejn il-Fortizza ta' Chambray u l-kappella ta' Santa Ċeċilja hemm d-dar ta' San Ġużepp. Din id-dar fis-17 ta' Novembru 1923 sar l-att tal-fundazzjoni għall-Orfanatrofju Djoċesan Parrokkjali. Hu maħsub li d-dar ta' San Ġużepp kienet fis-seklu tmintax tilqa' biex joqgħod fiha Francesco Marandon li kien l-inġinier militari li kien responsabbli mill-bini tal-fortizza ta' Chambray. Din id-dar laqgħet l-ewwel numru ta' tfal subien nhar il-21 ta' Marzu 1925 li dak inhar kienet ħabtet il-festa ta' Lapsi. Għad li fil-medda tas-snin saru bosta alterazzjonijiet lil din id-dar, qatt ma kienet possibbli għall-esiġenzi ta' llum.

Nafu li kienu nbnew swali u kmamar tas-sodda jħarsu għal fuq ix-Xatt l-Aħmar taħt id-direzzjoni tal-perit Joseph Dimech u li dan il-bini ġie inawgurat u mbierek mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Nikol Cauchi nhar il-21 ta' Ġunju 1973.

Dan l-aħħar din id-dar li ma għadhiex tilqa' tfal, isservi għall-irtiri u bħala "Day Center" ta' l-anzjani.

Naqsmu t-triq u naraw il-bini l-kbir tad-dar il-ġdida ta' San Ġużepp.

Kien nhar id-19 ta' Marzu 1949 meta l-Isqof Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex bierek salib kbir fil-post fejn kellha tinbena d-dar il-ġdida ta' San Ġużepp li naraw llum fuq il-pjanta ta' l-arkitett Ġużè D'Amato. L-ewwel ġebla tqiegħdet nhar is-17 ta' Lulju 1949.

Il-Kappella ta' dan il-post ġiet imbierka nhar id-29 ta' Mejju 1954. Il-bini baqa' jiżdied sa ma kif narawh illum.[4]

Illum dan il-bini barra milli għandu waħda mill-aktar Stamperija moderna, jilqa' fih persuni b'diżabilità li jgħaddu l-jum jaħdmu fi snajja li jgħoddu għalihom.

## Kumpless Residenzjali tal-MAS għall-Anzjani

Xi snin ilu, il-Moviment Azzjoni Soċjali ħaseb biex jibni kumpless residenzjali għall-anzjani ġewwa Għajnsielem. Il-post magħżul għal dan il-kumpless kienet l-art tad-Djoċesi ta' Għawdex li tinstab qrib l-Istitut l-ġdid ta' San Ġużepp. Parti minn dan il-Kumpless ġie inawgurat il-Ħadd, 23 ta' Jannar 2000. Kien il-Presdident ta' Malta Dottor Guido de Marco li inawgura uffiċċjalment dan il-Kumpless. Wara l-inawgurazzjoni, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Nikol Cauchi bierek dan l-ewwel "Sheltered houseing" fil-gżejjer tagħna.

Meta ser ikun komplut kollu ser ikun jikkonsisti fi tliet blokki ta' bini. L-ewwel tnejn fil-fatt diġa' huma mitmuma.[1]

## Il-Belveder

Il-Belveder ta' Għajnsielem huwa imprezzabbli. Minn hemm wieħed għandu veduta tal-fliegu li jifred lil Għawdex minn Malta. Il-gżejjer ta' Kemmuna u Kemmunet jidhru taħtek. Kif ukoll il-port ta' l-Imġarr bid-dgħajjes tas-sajjieda, frejgatini u jottijiet bosta minnhom ta' nies barranin ikomplu jsebbħu l-port. U xi ngħidu għall-vapuri tal-"Gozo Channel" min ġej u min sejjer, jaqsmu bejn Għawdex u Malta u f'ċerti ħinijiet wieħed minn dawn il-vapuri jsalpa lejn il-port ta' Marxamxett. Minn dan il-Belveder wieħed josserva l-ħajja tal-port ta' l-Imġarr li tibda minn qabel sbieħ il-jum sa ma l-lejl ikun daħal sewwa.

## Id-Djar ta' Għajnsielem

Meta wieħed ikun qed idur mat-toroq tal-parti antika ta' Għajnsielem ma jistax ma josservax il-mod ta' kif kienu jinbnew id-djar fi żmienijiet antiki. Hekk ukoll nista' ngħid għad-djar ġodda, imżejnin b'lavuri ta' skultura fil-ġebel. X'uħud minnhom juru li huma proprjetà ta' persuni li kienu għamlu għadd ta' snin f'pajjiżi 'l bogħod minn tagħna. Xhieda ta' dan jagħtuhilna n-nies ta' Għajnsielem nhar il-festa tal-Madonna ta' Loreto meta wieħed jara fuq il-bjut ta' x'uħud mid-djar, bnadar ta' pajjiżi barranin. Tara jperpru bnadar ta' l-Awstralja, tal-Kanada, ta' l-Ingilterra u ta' pajjiżi oħra.

## Il-"Gozo Heritage"

Dan il-Mużew "Gozo Heritage" li jinstab f'Għajnsielem fi Triq l-Imġarr, joffri lil kull min imur iżuru, l-istorja sħiħa tal-gżira Għawdxija. Dan il-Mużew hu ta' attrazzjoni kbira għat-turisti li jżuru lil Għawdex.

## L-Iskola ta' l-Arti

Din l-Iskola ta' l-arti tinstab fil-kumpless ta' l-Iskola Primarja ta' Għajnsielem. Din l-Iskola ta' Arti ġġib l-isem ta' l-istatwarju il-Kavallier "Wistin Camilleri". Hawn isir tagħlim tal-Bizzilla, Pittura, Induratura, Granutell u suġġetti oħra.

## L-Iskola Primarja ta' Għajnsielem

Din l-iskola mibnija fuq stil modern, fiha kull ma llum hu meħtieġ biex l-edukazzjoni tiġi mogħtija fuq is-sistemi l-aktar aġġornati. Din l-iskola tilqa' t-tfal tal-familji ta' Għajnsielem u n-numru ta' dawn l-istudenti kull ma jmur qiegħed dejjem jiżdied peress li bosta familji qed jibnu d-dar tagħhom f'din il-parroċċa.

## Il-Fergħa tal-Posta

Hawn insibu wkoll fergħa tal-Posta li minħabba l-pożizzjoni tagħha tilħaq il-parroċċi kollha tal-qrib.

## Il-Każin tal-Banda

Dan il-Każin tal-Banda qiegħed fi Pjazza Madonna ta' Loreto. Il-bini ta' dan il-Każin hu kollu kemm hu imponenti u l-faċċata tiegħu tixhed l-istil arkitettoniku tal-bini kollu ta' dan il-Każin.

Min iżur ġewwa ta' dan il-Każin tal-Banda ta' Għajnsielem, magħruf bħala "L-Għaqda Mużikali San Ġużepp" jinduna li dan il-Każin fih dak kollu li każin ta' Banda għandu jkollu u jista' joffri, bħal ma huma swali ta' kunċerti, swali ta' riċevimenti, uffiċċji u kmamar mgħammra b'għamara ta' l-aqwa kwalità u mżejnin b'dak kollu li jixraq lil dan il-post.

Xi sentejn ilu, kont mistieden f'dan il-Każin biex niċċelebra Quddiesa u flimkien mal-Kumitat u l-Membri nagħmlu l-Konsagrazzjoni lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù u l-Qalb Imqaddsa ta' Marija.

## Il-Club tal-Football

Filwaqt li kont għaddej minn Triq De Chambrai rajt l-"Għajnsielem Football Club". Meta għaddejt minn dik it-triq kien filgħodu kmieni u għalhekk ma rajt l-ebda player u l-bieb kien magħluq, iżda xorta waħda f'qalbi għamilt osservazzjoni dwar kemm hu importanti l-isport fil-formazzjoni tat-tfal u taż-żgħażagħ!

## Iċ-Ċentru Parrokkjali

Dan ukoll joffri dak kollu li ż-żgħażagħ jitolbu għall-formazzjoni spiritwali, kulturali kif wkoll għal rikreazzjoni sana u onesta.

## Is-Sorijiet Agostinjani

Is-Sorijiet Agostinjani ġew fil-Parroċċa ta' Għajnsielem fi żmien l-aħħar gwerra dinjija. Fil-bidu kienu jokkupaw dar, iżda llum dawn is-sorijiet li jagħtu għajnuna kbira lill-Parroċċa, għandhom dar moderna li fiha kappella ta' ħlewwa liema bħala u li tispirak għat-talb u għar-riflessjoni.

## L-Imġarr Hotel u l-Grand Hotel

F'Għajnsielem barra milli wieħed isib għadd ta' restoranti, isib żewġ lukandi "Five Stars" it-tnejn iħarsu għal fuq il-port ta' l-Imġarr.

## Il-Patrijiet Minuri Franġiskani

Tkun għadek qed toqrob lejn il-port ta' l-Imġarr meta tilmaħ il-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri (ta' Ġieżu). Il-Patrijiet ta' Ġieżu ġew Għajnsielem fis-sena 1899. Illum għandhom il-Knisja ddedikata lil Sant'Antnin u Kunvent. Parti l-kbira tal-kunvent llum tintuża bħala Dar ta' l-Irtiri.



## Il-Knisja Parrokkjalil l-Qadima

Kienet is-sena 1822 meta ġewwa Għajnsielem inbniet Knisja li ġiet ddedikata lill-Madonna ta' Loreto.

Għajnsielem inqata' mill-Parroċċa tan-Nadur u sar Parroċċa nhar l-1 ta' April 1855. L-ewwel Kappillan ta' din il-Parroċċa l-ġdida kien Dun Anton Cauchi mir-Rabat.

Għaxar snin wara t-twaqqif tal-Parroċċa, kemm il-gżira ta' Malta kif ukoll dik ta' Għawdex intlaqtu mill-marda tal-kolera li bdiet nhar l-20 ta' Ġunju 1865. Din il-marda qerrieda ħalliet f'Għawdex 252 mejta. Bħala radd il-ħajr li f'Għajnsielem ħadd ma miet bil-marda tal-kolera n-nies ħasbu li jġibu bħala tifkira statwa tal-Madonna ta' Loreto minn Marsilja maħduma mid-ditta magħrufa Gallard et Fils. Din l-istatwa ġiet imbierka nhar l-4 ta' Ottubru 1866.

Il-Konsagrazzjoni ta' din il-Knisja saret nhar it-30 ta' Ġunju 1889.

Hawn f'din il-Knisja Parrokkjali ġejt kemm 'il darba nkanta ma' l-orkestra tas-surmast Giardini Vella li kien il maestro di cappella ta' din il-parroċċa. Niftakar li ġejt bosta drabi oħra nkanta ma' Dun Karm Cassar, saċerdot ta' din il-parroċċa.

Fis-sena 1965 fil-Parroċċa ta' Għajnsielem saru ċelebrazzjonijiet kbar biex ifakkru f'dan l-ewwel ċentinarju tal-wasla f'din il-parroċċa ta' l-istatwa artistika u devota tal-Madonna ta' Loreto.[1]

## Il-Knisja Parrokkjali l-Ġdida

L-ewwel ġebla ta' din il-Knisja Parrokkjali ġdida li hi mibnija fuq stil Gotiku tqiegħdet nhar l-14 ta' Settembru 1924. Għad li din il-Knisja ħadet is-snin biex inbniet, illum hija ġawhra li ssebbaħ lil Għajnsielem. Din il-Knisja ġiet mogħtija t-titlu ta' Knisja Arċipretali fis-sena 1965. Ġiet imbierka nhar is-27 ta' Awissu 1978. Nhar it-13 ta' Awissu 1989 l-Isqof ta' Għawdex, Mons. Nikol G. Cauchi ikkonsagra din il-Knisja.

## Iċ-Ċimiterju tal-Parroċċa

Iċ-Ċimiterju ta' din il-Parroċċa imżejjen b'Kappella, għadd ta' monumenti artistiċi, għad-dell tas-siġar taċ-ċipress, iġagħluk taħseb u tirrifletti li l-erwieħ ta' dawk li huma midfuna f'dak il-lok qaddis, fil-ħemda tismagħhom isejħu lil min imur iżur dak iċ-Ċimiterju u jitolbuh biex filwaqt li jitlob għalihom jiftakar li jum jew ieħor hu wkoll għad irid ikun midfun hemm. Dan jgħaddi minn moħħi kull darba li nżur dak iċ-Ċimiterju biex nitlob fuq il-qabar fejn hemm midfuna ommi, missieri u oħti. Jolqotni wkoll il-mod nadif u dinjituż li hu miżmum dan iċ-Ċimiterju.

## Il-Port ta' l-Imġarr

Jekk hawn post ġewwa Għawdex li jsaħħrek huwa l-Port ta' l-Imġarr. Mhux biss l-ambjent ta' dan il-port li jippreżenta dehra mill-isbaħ, iżda wkoll l-attività li

tinħoloq ħajja marittima f'kull ħin tal-ġurnata. Wieħed mill-ewwel vapuri li kienu jaqsmu bejn Għawdex u Malta kien dak li kien iġib l-isem ta' "Gleneagles". L-istorja tgħidilna li dan il-vapur kien iwettaq dawn it-traġitti sa minn qabel l-1883.

Għall-istorja sejjer inġib il-ħinijiet u l-vjaġġi tal-"Gleneagles" fl-1883.

**Fix-xhur: Jannar, Frar, Marzu**

**Fil-jiem tax-xogħol**

Jitlaq minn Malta fis-07.30 a.m. - jasal Għawdex fid-09.00 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fl-10.00 a.m. - jasal Malta fil-11.30 a.m.

**Nhar ta' Ħadd u fil-Festi**

Jitlaq minn Malta fit-08.00 a.m. - Jasal Għawdex fid-09.30 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fil-11.30 a.m. - Jasal Malta fin-12.30 p.m.
Jitlaq minn Malta fis-01.30 p.m. - Jasal Għawdex fit-03.00 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fit-03.30 p.m. - Jasal Malta fil-05.00 p.m.

**April**

**Fil-Jiem tax-xogħol**

Jitlaq minn Malta fis-07.30 a.m. - Jasal Għawdex fid-09.00 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fl-10.00 a.m. - Jasal Malta fil-11.30 a.m.
Jitlaq minn Malta fis-02.30 p.m. - Jasal Għawdex fl-04.00 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fil-05.00 p.m. - Jasal Malta fis-06.30 p.m.

**Fil-Ħdud u l-Festi**

Jitlaq minn Malta fit-08.00 a.m. - Jasal Għawdex fid-09.30 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fl-10.30 a.m.- Jasal Malta f'12.00 a.m.
Jitlaq minn Malta fis-02.30 p.m. - Jasal Għawdex fl-04.00 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fil-05.00 p.m. - Jasal Malta fis-06.30 p.m.

**F'Mejju, Ġunju, Lulju u Awissu**

**Jiem tax-xogħol**

Jitlaq minn Malta fis-07.00 a.m. - Jasal Għawdex fit-08.30 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fid-09.30 a.m. - Jasal Malta fil-11.00 a.m.
Jitlaq minn Malta fit-03.30 p.m. - Jasal Għawdex fil-05.00 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fis-06.00 p.m. - Jasal Malta fis-07.30 p.m.

**Fil-Ħdud u l-Festi**

Jitlaq minn Malta fit-08.00 a.m. - Jasal Għawdex fid-09.30 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fl-10.30 a.m. - Jasal Malta f'12.00 a.m.
Jitlaq minn Malta fit-03.00 p.m. - Jasal Għawdex fil-05.00 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fis-06.00 p.m. - Jasal Malta fis-07.30 p.m.

**Settembru**

**Jiem tax-xogħol**

Jitlaq minn Malta fis-07.00 a.m. - Jasal Għawdex fit-08.30 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fid-09.30 a.m. - Jasal Malta fil-11.00 a.m.
Jitlaq minn Malta fis-02.30 p.m. - Jasal Għawdex fl-04.00 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fil-05.00 p.m. - Jasal Malta fis-06.30 p.m.

**Fil-Ħdud u l-Festi**

Jitlaq minn Malta fit-08.00 a.m. - Jasal Għawdex fid-09.30 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fl-10.30 a.m. - Jasal Malta f'12.00 a.m.
Jitlaq minn Malta fis-02.30 p.m. - Jasal Għawdex fl-04.00 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fil-05.00 p.m. - Jasal Malta fis-06.30 p.m.

**Ottubru**

**Jiem tax-xogħol**

Jitlaq minn Malta fis-07.00 a.m. - Jasal Għawdex fid-08.30a.m.
Jitlaq minn Għawdex fid-09.30 a.m. - Jasal Malta fil-11.00 a.m.
Jitlaq minn Malta fis-02.00 p.m. - Jasal Għawdex fit-03.30 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fl-04.15 p.m. - Jasal Malta fis-05.45 p.m.



**Fil-Ħdud u l-Festi**

Jitlaq minn Malta fit-08.00 a.m. - Jasal Għawdex fid-09.30 a.m.
Jitlaq minn Għawdex fl-10.30 a.m. - Jasal Malta f'12.00 a.m.
Jitlaq minn Malta fis-02.00 p.m. - Jasal Għawdex fit-03.30 p.m.
Jitlaq minn Għawdex fl-04.15 p.m. - Jasal Malta fil-05.45 p.m.[1]

Quddiem għajnejja qed nara d-dgħajjes tal-Latini ħerġin u deħlin fil-port ta' l-Imġarr mgħobbijin bil-prodotti u merkanzija kif ukoll dgħajjes tas-sajd u luzzijiet deħlin fil-port mgħobbijin bil-ħut wara lejl ta' sajd. Niftakar li matul l-aħħar gwerra dinjija nibgħat mad-dgħajsa 45 ħxejjex u xi ħobż stivati fil-kaxxi tal-landa tal-gallettini biex jaslu fil-maħżen tas-Sur Bellizzi li kien fix-xatt tal-Belt, qrib ta' fejn kien il-Ġgant minn fejn kienet tiġborhom l-unika nanna li kien baqagħli.

Niftakar il-vjaġġi bejn Għawdex u Malta fi żmien il-gwerra bil-"Franco", bil-"Bancinu", bir-"Royal Lady" u bil-Jylland. Wara l-gwerra kull meta kien jgħaddi bil-vapur il-Gvernatur, il-kaptan kien jordna li tiġi mtella' l-bandiera Ngliża. L-istess meta kien jgħaddi l-Arċisqof ta' Malta jew l-Isqof ta' Għawdex kienet tiġi mtella' l-bandiera tal-Papa. Ftit tas-snin ilu, biex is-servizz tal-port ta' l-Imġarr joktor, saru l-pontijiet li magħhom jorbtu l-'yachts', bosta minnhom ta' persuni barranin. Kif ukoll il-'Gozo Channel' offriet vapuri mill-aqwa li mhux biss lussużi, iżda kapaċi għall-baħar qawwi li jaf juri l-qawwa tiegħu fl-akbar maltempati.

Mal-medda tas-snin dan il-port jibqa' dejjem jisbieħ u fuq kollox jibqa' joffri servizz mill-aqwa bejn Għawdex u Malta.

---

[1] Fiott C. - Towns and Villages of Malta and Gozo part 4 p.12

[2] Quentin Hughes - Fortress p. 223

[3] Bezzina J. - Gems of Gozo - An Appreciation of Twenty Chaplels p.41

[4] Bezzina J - Saint Joseph Home (Gauletana Nru 4)

[1] Il-Ħajja f'Għawdex - Marzu 2000 Nru. 817

[1] Bezzina J. - Parish Titular Statues in Gozo p. 9

[1] Aquilina: "Il Compagno per Tutti" 1883